Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 62 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Francis Debono

Illum 1 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Francis Debono detenur tal-karta tal-identita Maltija 152268 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli nhar il-Gimgha 6 ta' Novembru, 2015, u fi snin ta' qabel, fil-fond 14, Apartment 2, Triq Nazzareno Sammut, Qrendi u Arc-en-ciel, Triq Guzeppi Ellul, Luqa:

1. Ittrasferixxa jew b' xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur imsemmi fis-subregolament (1) (e) tar-regolament 4 L.S 504. 71 minghajr ma ghamel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u minghajr ma' kien awtorizzat minn din l-Awtorita' bil-miktub b' dak it-trasferiment jew id-disponiment u dan bi ksur ta' Regolament 4 (2) tal-L.S 504. 71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolament 4 (2) tal-L.S 504. 71 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrataw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu b' multa t' elf u hames mitt ewro u kif ukoll sospensjoni tal-licenzja ghal sentejn.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francis Debono, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Frar, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b' mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b' piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant illi huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. Dwar Punti ta' Dritt li bihom jintlaqat l-Apprezzament tal-Provi**

Illi l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta' nhar it-12 ta' Dicembru, 2002 fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Victor Sant' fejn dina l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghal sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Emanuel Scerri" Deciza nhar it-30 ta' Marzu, 2000 fejn gie ritenut li:

"meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir - f' dan il-kaz ma nghatatx ricevuta - minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata, ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna

registrata. Il-persuna registrata, pero′ , tista′ tezimu ruha minn din ir-responsabilta′ vikarja JEKK TIPPROVA , IMQAR FUQ BAZI TA′ PROBABBILITA′ (emfasi ta′ din il-Qorti) jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b′ diligenza regonevoli tkun taf b′ dak l-eghmil jew nuqqas, jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel sabiex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas." Mela il-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi u dan almenu fuq bazi ta′ probabbilita′ - li hu l-kriterju tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali, fejn hu tenut li jipprova xi haga jew fejn hu jaghzel li jipprova xi haga."

F′ dan il-kuntest qieghda ssir referenza wkoll ghal dak li jghallem Blackstone dwar il-kuncett ta′ responsabbilita′ vikarja. Blackstone jghallem:

> "In general, criminal liability only result from personal fault. We do not punish people in criminal courts for the misdeeds of others′ (per Lord Morris in Teso Supermarkets Ltd vs Nattras [1972] AC 153 at p. 179). This basic tenet of English law applies to liabilitywhether corporate or not, but vicarious liability may not be confused with personal liability. It is suggested that vicarious liability has no significant place in English criminal law, in contrast to English civil law or criminal law in the United States.
>
> Prima facie a master is not to be made criminally responsible for the acts of his servant to which the master is not party."

Qieghda ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ‘ Pearks, Gunston and Tee v. Ward [1902] 2 K.B. 306:

> "By the general principles of the criminal law, if a matter is made a criminal offence, it is essential that there should be something in the nature of mens rea, and therefore, in ordinary cases a corporation cannot be guilty of a criminal offence, nor can a master be liable criminally for an offence committed by his servant."

Di piu' Smith & Sheldon fil-ktieb taghhom Scots Criminal Law jghallmu:

> "Vicarious Liability for crime offends the normal principle that a person is not to be held accountable for the actions of another. The attribution of vicarious liability, however, is accepted in limited circumstances, particularly in offences relating to sale to the public and in licensing cases."

**B. Dwar l-apprezzament tal-provi**

Dan l-aggravju qieghed jingieb il-quddiem fid-dawl u a bazi ta' dak sottomess fl-aggravju precedenti.

Fil-proceduri odjerni, l-appellant qieghed jigi akkuzat illi ittrasferixxa jew b' xi mod iehor iddisponi minn ghasfur imsemmi fis-subregolament (1) (e) tar-regolament 4 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 504.71 u dan bi ksur tal-artikolu 4 (2) tal-istess legizlazzjoni stante li l-esponenti ma kellu l-ebda permess moghti lilu mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi.

Billi l-appellant tressaq quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u billi l-akkuzi kienu ta' natura penali, huwa principju ben stabbilit u applikat fil-gurisprudenza taghna kif ukoll dik barranija li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-kaz taghha, ossia li effettivament l-esponenti kellu l-intenzjoni u sussegwentament iddispona tali tajr, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghal kuntrarju ta' dak prodott fil-kaz de quo, kull prova li kellha ggib il-Prosekuzzjoni kellha tkun inekwivoka u li ma thalli l-ebda dubju ragjonevoli f' mohh il-gudikant dwar l-akkuzi migjuba kontra l-appellant.

Ghaldaqstant, tenut kont tas-su espost, il-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tipprova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi:

It-tajr in kwistjoni kienu propjeta' tal-esponenti;

L-esponenti kellu l-intenzjoni u xtaq li jiddisponi mit-tajr mertu ta' din il-kawza;

Illi effettivament kien l-esponenti illi ddispona jew ttrasferixxa tali tajr;

Dan ghamlu minghajr permess mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi.

Fil-mori tal-proceduri odjerni, l-esponenti la qatt ikkontenda illi tali tajr ma kienux propjeta' tieqghu u wisq anqas illi huwa kien ottjena b' xi mod jew iehor permess mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi sabiex ikun jista' jiddisponi minn xi tajr illi kellu fil-kollezzjoni tieghu, pero' huwa dejjem cahad kategorikament illi effettivament kien huwa illi ddispona minn tali tajr

Hawnhekk ghandu jigi rilevat illi l-esponenti kemm fl-ispezzjoni illi saritlu mill-membru tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi kif ukoll waqt il-kontro-ezami tal-ufficjal tad-WBRU quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, gab ghall-konjizjoni tal-istess ufficjal illi l-lista illi kienu qeghdin jimxu maghha it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-ghasafar Selvaggi ma kienetx wahda korretta u aggornata stante li l-istess lista kienet tinkludi diversi tajr fosthom il-kuccard imnizzlin doppji. Konsegwentament fid-dawl ta' dan in-nuqqas, in-numru ta' tajr mormi kien ferm inqas minn dak stabbilit mill-ufficjali tad-WBRU.

Fil-fatt mid-deposizzjoni ta' membru mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi illi xehed nhar is-7 ta' Frar, 2018 quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u li kien prezenti waqt l-ispezzjoni fir-residenzi hawn fuq imsemmija, jemergi bic-car illi l-esponenti ghamilha cara illi ma kienx hu illi effettivament iddispona minn tali tajr izda kien missieru u cioe Paul Debono, u dana bhal ma emerga mill-kontro-ezami tal-WBRU.

Fil-fatt tifli kemm tifli il-provi prodotti minn imkien ma jigi ppruvat illi l-esponenti ried jiddiponi minn tali tajr u li effettivament kien hu illi ddispona minnu bi ksur tad-disposizzjoni legali supra citata.

Sabiex dina l-Onorabbli Qorti tifhem u tapprezza l-fatti li jsawru l-kaz odjern, jehtieg issir referenza ghal hajjet l-appellant fiz-zmien meta saret l-ewwel spezzjoni minn PS 1030 C. Theuma flimkien ma Mr Lija mill-' Wild Birds Regulation Unit' fir-residenza in kwistjoni. Fiz-zmien de quo l-esponenti kien ghaddej minn zmien ikrah hafna f' hatju wara li l-mara

tieghu kienet ghadha kif mietet bil-marda qerrieda tal-kancer. Tant kien fi stat mentali hazin illi kien beda jahseb sabiex izarma mid-delizzju tal-kacca u jehles mit-tajr illi kien ikkollezzjona ghal diversi snin; tant hu hekk illi dan il-hsieb kien qassmu ma' missieru.

Ai fini ta' ricerka tal-verita, l-esponenti quddiem l-ewwel Qorti kien dispost li jressaq il-quddiem bhala xhud lil missieru ossia Paul Debono sabiex jikkonferma dan kollu. Madanakollu l-ewwel Onorabbli Qorti minhabba l-mod li bih hija tapplika l-kuncett ta' responsabbilita' vikarja gharfet lill-esponenti li ma kienx hemm tali htiega.

Wara li l-esponenti qasam dan il-hsieb ma' missieru, missieru ma hasibhiex darbtejn u beda jiddisponi minn diversi tjur illi kienu rregistrati fuq ibnu u cioe fuq l-esponenti. Dan kollu jirrelata ma' dak mistqarr quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti mill-ufficjal tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi fejn fuq mistoqsija tal-avukat difensur tal-appellant, ix-xhud ikkonferma illi l-appellant deher mistaghgeb meta waqt l-istess spezzjoni, irrealizza illi missieru kien diga ddispona minn ammont sostanzjali ta' tajr propjeta' tieghu.

Fl-umli fehma tal-esponenti, meta tikkunsidra l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, fid-dawl ta' tac-cirkostanzi kollha li jsawwru l-kaz odjern kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi effettivament kien missier l-esponenti illi ddispona minn tali tajr minghajr ebda awtorizazzjoni mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, huwa zgur illi l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ma kienux bizzejjed biex iwasslu ghal-kundanna tal-esponenti, stante li ma jipprovawx lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-elementi kollha li jsawwru l-imputazzjoni hekk kif prospettati mil-legislatur.

Fid-dawl tas-su espost l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet "lr-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina" tal-24 ta' April 2003, fejn il-Qorti tippreciza:

> "Illi l-grad ta' prova li tilhaq il-Prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-Ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra

l-akkuzat ‘ beyond reasonable doubt: kif gie deciz fil-kawza "Pulizija vs Bugeja" tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.

Illi dan ifisser li l-Prosekuzzjoni ghandha l-obbliqu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre' kull dubbju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera."

Ghaldaqstant l-appellant jikkontendi illi stante li mir-rizultanzi processwali jezistu dubji cari dettati mir-raguni, tali incertezzi kellhom iwasslu ghal-liberatorja.. Il-lurking doubt li ghalih tirreferi l-gurisprudenza sia Ingliza kif ukoll nostrana evidentement fil-kaz odjern jezisti, ghaliex il-provi tal-Prosekuzzjoni ma jilhqux il-livell ta' beyond reasonable doubt u konsegwentament fl-umli fehma tal-esponenti huwa ma setgha qatt jinstab hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**C. Dwar il-piena**

Dan l-aggravju qieghed jingab il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti.

**C.1 Principji Generali**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li "l-piena m' ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."

Illi fl-umli fehma tal-appellant, tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, il-piena mposta fuqu ma hijiex wahda ekwa u gusta ghal kaz odjern u b' hekk timmerita temperament.

Fid-dawl tat-tipologija tal-kaz odjern, il-buon sens jissuggerixxi illi l-ewwel Qorti kellha tqieghed diversi cirkustanzi fil-kfief tal-mizien ghall-fini ta' piena. Fl-umli fehma tal-esponenti, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra diversi cirkustanzi fosthom l-involviment tal-esponenti fl-agir ta' missieru, iz-zmien ikrah illi kien ghaddej minnu fil-perjodu mertu tal-kaz de quo kif ukoll il-kooperazzjoni tieghu mal-awtoritajjiet ikkoncernati.

**C.2 Dwar il-partecipazzjoni tal-appellant fil-kummissjoni tal-allegat reat**

Kif gia gie nnutat fl-aggravji precedenti, fiz-zmien mertu tal-kaz odjern l-esponenti kien ghaddej minn zmien ikrah hafna wara li martu kienet ghadha kif hallietu armel b' zewg ulied wara glieda qalila mal-marda tal-kancer.

L-esponenti, tant kien wasal fix-xifer, illi kien wasal biex jghid lil missieru li ma riedx jaf aktar bil-kacca u kien sejjer jiddisponi minn diversi tajr illi kien ilu jikkollezzjona ghal snin twal. Missier l-esponenti ma hasibhiex darbtejn u minnufih beda jiddisponi minn diversi tajr propjeta' tal-appellanti.

Dan kollu gara minn wara dahar l-esponenti, li waqt l-ispezzjoni illi ghamlulu membri tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi deher fizikament ixxukkjat bil-kwantita' ta' tajr illi kien gia iddispona minnhom missieru, fatt ikkonfermat quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti.

Fid-dawl tas-su espost, fl-umli fehma tal-esponenti, fid-dawl tal-fatt illi jidher bic-car illi l-esponenti kellu sempliciment partecipazzjoni passiva u mhux wahda attiva fil-kummissjoni tar-reat de quo, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun klementi fil-piena mposta.

**C.3 Dwar il-Koperazzjoni tal-Esponenti**

Kif gie kkonfermat mix-xhieda u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, fil-mori tal-investigazzjoni tal-kaz odjern, l-esponenti kkopera bis-shih mal-awtoritjiet ikkoncernati tant hu hekk illi kien hu stess illi dawwar lill-membri tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi mar-residenza tieghu u indikalhom fejn kien izomm il-kollezzjoni tat-tajr tieghu.

Fid-dawl ta' din il-koperazzjoni, l-appellant jaghmel referenza ghall-opinjoni tal-Imhallef Emeritus Lawrence Quintano fejn fis-sentenza ta' Camilleri vs Malta ddikjara li fil-prattika l-Qrati taghna xorta jistghu jmorru taht il-minimu preskritt.

Fil-fatt l-Imhallef Emeritus Quintano jistqarr li l-Qrati tal-Magistrati taghna spiss imorru taht il-minimu preskritt mil-ligi wara li jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif ukoll il-kooperazzjoni tal-akkuzat mal-awtoritajiet.

Ghaldaqstant l-esponenti jemmen li tali koperazzjoni kellha tkun riflessa fil-piena hekk kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

**C.4 Dwar is-sospensjoni tal-licenzja u l-multa mposta**

Fid-dawl ta' dan l-aggravju ghandu jigi mfakkar illi il-Prosekuzzjoni, fl-ebda stadju, ma nsistiet jew b' xi mod jew iehor talbet biex ikun hemm is-sospensjoni tal-licenzji tal-kacca jew insib. L-appellant ma jista' qatt jifhem kif minkejja l-koperazzjoni illi wera matul l-investigazzjoni kif ukoll fil-mori tal-proceduri odjerni, minkejja ic-cirkostanzi kollha li wasslu ghad-disponiment tat-tajr mertu tal-kaz de quo kif ukoll minkejja illi l-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma talbet is-sospensjoni tal-licenzja licenzji tal-kacca jew insib, l-ewwel Onorabbli Qorti imponiet is-sospensjoni tal-licenzja tal-esponenti ghal zmien sentejn flimkien ma' multa ta' €1500.

L-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Stephen Spiteri' fejn dina l-Onorabbli Qorti tghallem:

"Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"

Fid-dawl tas-sentenza supra citata, ghandu jigi mfakkar illi l-esponenti kkopera bis-shih mal-awtoritajjiet ikkoncernati u ddispajcih ghall-mod kif tali tajr gie mormi. Jigi mfakkar ukoll illi din hija l-ewwel darba illi l-esponenti tressaq quddiem il-Qorti u certament ic-cirkostanzi illi wasslu ghal dan l-incident ma kienx agir intenzjonat sabiex l-esponenti jisfida l-Ligi u l-Gustizzja izda kien agir minghajr ebda intenzjoni kriminuza.

Fid-dawl tas-su espost l-esponenti jemmen illi l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kemm fil-kwalita' taghha u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita' ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum.

Kif jista qatt jinghad illi l-Qorti hadet in kunsiderazzjoni ic-cirkustanzi kollha li jsawwru dan il-kaz, meta l-ewwel Onorabbli Qorti imponiet multa sostanzjali ta' €1500 u ordnat lill-esponenti sabiex ma jippratikax l-uniku zvog li ghad fadallu f' hajtu ghal sentejn shah?

Fl-umli fehma tal-esponenti permezz tal-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti mhux talli l-aspett riformattiv tas-sistema penali taghna ma nghatatx il-kunsiderazzjoni mehtiega, anzi tibqa' tezisti l-biza li meta tikkunsidra c-cirkostanzi tal-kaz odjern, tali piena tkun wahda kontro-produttiva.

Ikkunsidrat,

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2018.

Semghet ix-xhud Ryan Bonello imressaq mill-prosekuzzjoni.

Rat l-affidavit ta PS 1030 esebit fl-atti.

Ikkunsidrat,

Rat illi **PS 1030 Clinton Theuma** xehed permezz ta' affidavit li jinsab esebit fl-atti a fol 9 tal-process u dan stqarr li fis-26 ta Gunju, 2015 huwa flimkien ma PC 106 mar gewwa fond numru 42 Aranciel, Triq Guzeppi Ellul, Luqa bl-assistenza tas-sur Lia (rappresentant tal MEPA illum Planing Authority) biex jigi segwit mandat li kien hareg mill-Magistrat C. Stafrace Zammit beix issir tfittxija fl-indirizz imsemmi u jigu notati jekk kienx hemm affarijiet illegali rigward kacca jew insib.

Skond rapport li l-pulizija kellha, gie rapportat li fir-residenza kien hemm kollezzjoni ta' tajr li kienu proprjeta ta' certu Francis Debono. Fil-presenza ta' Francis u missieru Paul, saret tfittxija fir-residenza fejn rrizulta li kien hemm vetrina b'xi tajr ibbalzmat gewwa fih. Huwa ssigilla l-vetrina u gie infurmat mis-sur Lia li t-tajr jigi imqabbel mal-lista li ghandhom huma stress gurnata ohra.

Skond il-mandat li kellhom, huma kellhom jghamlu spezzjoni go residenza ohra u cioe 14, flat 2, Triq Nazzareno Sammut, Qrendi li kienet ir- residenza ta' Francis Debono fejn gie innotat ukoll li kien hemm vetrina b'xi tajr ibbalzmat u li ukoll giet issigillata.

Fis-6 ta' Novembru, 2015 mar mal-WBRU fiz-zewg residenzi fejn gew iffotografati u ccekkjati t-tajr li kien hemm fil-vetrini minn WBRU.

Gie infurmat li l-lista tigi mqabbla l-ufficcju ta' WBRU fejn wara gie mgharraf li s-Sur Debono kellu xi tajr nieqsa fil-vetrina li kienu mnizzla fil-lista ghalhekk huwa gie infurmat li kien se rjigi imharrek ghal Qorti.

Rat l-okkorrenza esebit fl-atti a fol. 11 fejn hemm imnizzel dak kollu li stqarr ix-xhud PS 1030 Clinton Theuma.

Semghet lil Ryan Bonello rappresentant tal-WBRU jixhed fis-seduta tal-11 ta Ottubru, 2018. Dan ikkonferma li nhar is-6 ta' Novembru 2015 kien ghamel spezzjoni f'zewg

indirizzi wiehed il-Qrendi u l-iehor Hal Luqa. F'dawn iz-zewg fondi sabu total ta' 583 tajr u ikkonferma li 289 qablu mad-dikjarazzjoni li kellhom. Qal li kien hemm 363 ghasfur li kien gie ddikjarat mill-appellant li ma nstabux fiz-zewg fondi. Jidher li l-appellant kien heles minnhom bla awtorizzazzjoni tal-WBRU. Il-kollezzjoni kienet registrata fuq l-indirizz ta' Hal Luqa u dawn kienu gew registrati kemm fis-sena 1998 kif ukoll darb' ohra fis-sena 2003. Qal li r-residenza ta' Hal Luqa hija r-residenza tal-appellant waqt li dik tal-Qrendi hi ta' missieru Francis. Qal li waqt l-ispezzjoni li saret gewwa il-Qrendi l-appellant kien prezenti. Ghall-ispezzjoni ta' Hal Luqa kien ukoll presenti l-appellant. Waqt li kien qed jghamel l-ispezzjoni ftakar li l-appellant kien qallu li it-tajr kien gie attakkat mid-dud u li kien ghalhekk li kien heles minn numru ta' tajr. L-appellant ikkopera hafna maghhom.

L-appellant ma xehdx kif kellu kull dritt pero' meta tratta l-avukat difensur tieghu stqarr xi affarjiet fit-trattazjoni tieghu li ma johorgux mill-provi prodotti u li ghalhekk l-Qorti m'hix ser taghti kazhom fosthom is-segwenti.

1. Li fil-perijodu tal-ispezzjoni mart l-appellant kient indisposta serjament.
2. Li mart l-appellant miet ftit wara.
3. Li l-appellant kien qal lil Ryan Bonello, membru tal MBRU li l-friefet kienu daru ghat-tajr ibbalzmat u dan stqarr li seta kien verament il-kaz.
4. Li missier l-appellant kien qallu dwar din il-problema u cioe' tal-friefet pero' peress li kien ghaddej minn zmien hazin ma tax kazu u ma tah l-ebda istruzzjoni dwar dak li kellu ighamel.
5. Ili fil-fatt kien Francis Debono stess li rema dawn it-tajr li kienu infestati bil-friefet u mhux l-appellant.

L-appellant interpona appell u bbaza l-appel tieghu fuq zewg binarji. L-ewwel wiehed ghaliex jemmen li mill-provi prodotti l-akkuza ma tirrizutlax provata u li ghalhekk l-ewwel Qorti messha illibeat lill-appellant minn din l-akkuza. Fit-tieni lok il-piena imposta mill-ewwel Qorti hija wahda severa ta' elf u hames mitt euro (€1500) kif ukoll sospensjoni tal-licenzja ghall-peridjou ta' sentejn.

Ikkunsidrat,

L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jghid li l-appellant ma kellux jinsab hati u dan ghaleix ir-responsabilita' kriminali hija xi haga personali u stante li ma kienx hu li ddispona mit-tajr, ma kellux ghalfejn, jisnab hati tal-akkuza moghtija fil-konfront tieghu. Stqarr li l-appellant ma kellux il-mens rea li jiddisponi mit-tajr izda kient id-decisjoni ta' missieru li wassal ghar-rimi ta' numru ta' tajr. Illi pero' jinghad li minkejja li ma hemmx veru att ta' kommissjoni da parti tal-appellant fis-sens li kien hu li rema jew ahjar iddispona minn uhud mit-tajr imsemmi fil-lista xorta hem att ta' ommissjoni min-naha tal-appellant li ma hax hsieb it-tajr li huwa kellu ndikat u deskritt fil-lista meta rregistra l-istess u lanqas ma ha l-prekawzjoni sabiex in-nurmu ta' taht registrat ma jonqos b'mod illegali. L-appellant naqas meta gie mgharraf li kellu allgatament infestazzjoni u ma marx ikellem lil tal-WBRU sabiex jikkancella uhud mit-tajr li huwa kellu deskritt fil-lista. Ghalhekk ghandu jinzamm resposnabbli ghan nuqqas tieghu billi l-agir tieghu iwassal proprju ghar reat in desamina u cioe li hwua iddispona minn xi ghasafar misemmi fir-regolament (1) (e) tar -regolament 4 LS 504.71 minghajr ma ghamel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u minghajr ma kien awtorizzat minn din l-Awtorita bil-miktub b'dak it-trasferiment jew id-disponiment. Ghalhekk din il-Qorti issib li l-ewwel Qorti kient korretta meta sabet lill-appelant hati ta' din l-istess akkuza.

Dwar it tieni aggravju u cioe dik ta' piena eccessiva din il-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid:

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx

pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[1] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami,*[2] *jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, **jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi**."*[3]

Illi r-*raison d'être* ta' dan l-aggravju, mhuwiex li tiġi nflitta xi piena ħarxa u ezemplari fuq l-appellat. Hawnhekk l-esponent mhux qed ifittex il *'pound of flesh'* iżda li tiġi inflitta l-piena kif prevista mil-Liġi stess. L-unika motivazzjoni li għandhu l-esponent sabiex iressaq dan l-Aggravju hi li tiġi mħarsa r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, fis-sens li l-piena nflitta għandha tkun għall-inqas il-minimu ta' dik kontemplata fil-Liġi. L-esponent ovvjament mhux ser jidħol fil-mertu jekk il-piena għandiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, wara li tkun semgħat il-kaz odjern. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt.

Illi fil-kaz in desamina l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghall- hlas ta multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500). Il-piena li l-ewwel Qorti setghet tinfliggi fq l-appellant hija dik naxxenti mit-Taqsima III tal LS 505.71 u appuntu l-artikolu 27 (3) li jiddisponi s segwenti:-

---

[1] Deciza fis-26 ta' Jannar 2001

[2] Sottolinear tal-esponent.

[3] Sottolinear / enfasi tal-esponent.

*" Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament iehor mhux imsemmi fis-sub regolament (2) u l-proviso tieghu rispettivament tehel meta tinsab hatja:*

*(a)* *meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);*

Illi ghalhekk l-piena inflitta mill-ewwel Qorti hija iktar minn nofs l-ammont li setghet timponi l-ewwel Qorti. Din il-Qorti rat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe li l-appellant iddispona minn uhud mit-tajr ghar-raguni li kienu gew infettati bid-dud u friefet u ghalhekk thoss li f'din ic-cirkostanza l-ewwel Qorti setghet imponiet piena inqas severa u ghalhekk qed tvarja l-ammont tal-multa u minflokk qed tikkundannah ihallas multa ta' seba' mija u hamsin euro (€750).

Illi dwar is-sospensjoni tal-licenzja ordnata mill-ewwel Qorti u l-ligi tipprovi dwar din fil-proviso tas-sub artikolu (2) ta' l-artikolu 3 tal-LS 504.71 li jipprovdi s-segwenti:-

*"Izda l-Qorti tista' wkoll tordna s-sospensjoni tal-licenza jew tal-permess mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal perjodu ta'mhux anqas minn sena izda mhux aktar minn tliet snin"*:

Ghalhekk ma kienx tassattiv ghall-ewwel Qorti li tordna l-iskwalifika tal-licenzja mahruga taht dawn ir-regolamenti izda tali materja kient kwistjoni diskrezzjonarja stante il-kelma '*tista*'.

Il-Qorti thoss li dan kien kaz genwin u ghalhekk m'hix ser tordna sospensjoni tal-licenzja mahruga taht dawn ir-regolamenti.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda filwaqt li tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-htija qieghda tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward tal-piena inflitta u b'hekk qeghda tvarja l-piena inflitta billi minflokk li l-appellant ihallas is-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500) kif imposta mill-ewwel Qorti qieghda tikkundanna lill-appellant ihallas multa ta' sebgha mija u hamsin euro ( €750) u qeghda wkoll tirrvoka dik

il-parti tas sentenza fejn ordnat l-iskwalifika tal- licenzja mahruga taht dawn ir-regolamenti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur